MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
MARIO SCERRI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 13/2010

Peter Paul Grech

vs

Kenneth Grech u b'digriet tas-26 ta' Mejju 2010, l-isem tal-konvenut gie kkoregut ghal Michaelangelo sive Kenneth Grech

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba ipprezentat fid-29 ta' Marzu 2010, li jghid hekk :

'Illi l-konvenut ghandu jaghti lill-attur is-somma ta' elf tliet mija u tletin Euro (€1330) ghall-kera tal-garage numru B fi Triq Grunju, Nadur, Ghawdex ;

Illi l-konvenut dejjem jipprometti li ser ihallas dan l-ammont izda jibqa' inadempjenti minkejja wkoll li gie nterpellat bl-ittra ufficjali numru 814/2008 ;

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat ihallas is-somma ta' €1330 kif premess, bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali numru 814/2008.'

Ra li l-konvenut debitament notifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz tas-smiegh fit-22 ta' April 2010, ma dahhal ebda risposta u lanqas deher biex jikkontesta t-talba tal-attur ;

Ra li fil-mori tal-kawza l-konvenut hallas is-sorte billi hallihom ma' omm l-attur, kif ikkonferma l-attur innifsu fix-xhieda tieghu fl-udjenza tas-26 ta' Mejju 2010. Filwaqt li l-attur ceda l-mertu, huwa zamm ferm pero' t-talba tieghu ghall-hlas tal-ispejjez tal-kawza u tal-ittra uficjali numru 814/2008 ;

Ra' l-atti kollha tal-kawza ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjez ;

Ikkunsidra :

Illi mill-provi in atti jirrizulta li l-attur jikri lil huh Kenneth Grech mahzen fi Triq Grunju, Nadur. Il-konvenut naqas li jhallas il-kera ta' elf tliet mija u tletin Euro (€1330) minkejja li gie nterpellat b'ittra ufficjali tad-19 ta' Dicembru 2008 (Ittra numru 814/2010), u hallas l-ammont pretis mill-attur wara li gietipprezentata l-kawza u l-konvenut gie notifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smiegh. L-attur issaporta lil huh biex ihallas ghal aktar minn sena wara li l-konvenut gie notifikat bl-ittra ufficjali, u ghalhekk kien kostrett li jaghmel il-kawza meta ra li kien ghadda bizzejjed zmien u huh kien baqa' ma hallsux ;

It-talba tal-attur biex il-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tal-kawza hija ghalhekk gustifikata u ser tintalaqa' minn dan it-Tribunal ;

Wara li ra l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380, u 223 tal-Kap.12 ;

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ispejjez kollha konnessi mat-talba tieghu, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta’ Dicembru 2008, bin-numru 814/2010, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------